MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## Magistrat Dr. Francesco Depasquale

Avviz Numru. 467/2010

**Kevin Camilleri (ID 545781M)**

**vs**

**Jossef Dimech ezercjenti fil-kummenrc taht l-isem J.S. Dimech**

Illum 1 ta’ Frar 2016

Il-Qorti

Rat ir-rikors ippresentat mir-rikorrent fit-3 ta' Novembru 2010 fejn huwa talab lill-dina l-Qorti tikkundanna lill-intimat ihallsu is-somma ta' sebat elef, tmien mija u hamsa u tmeini Euro (€7,885) rappresentanti xoghol ta' reparazzjoni u manutenzjoni fuq diversi vetturi propjeta tal-konvenut, liema xoghol sar fuq istruzzjonijiet tieghu u ghadu ma thallasx.

Rat ir-risposta ippresentata fit 18 ta' Jannar 2011 fejn il-konvenut sahaq illi huwa kellu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju peress illi kienet is-socjeta J'S Dimech Com-Ind Limited, illum JSDimech Limited (C 34919), illi qabbdet lir-rikorrenti jaghmel ix-xoghlijiet u mhux hu personalment, kif qieghed jghid ir-rikorrent.

Rat ix-xhieda moghtija minn **Kevin Camilleri** fil 5 ta' April 2011 u d-dokumentazzjoni minnu ppresentata.

Semghet ix-xhieda ta' Kevin Camilleri moghtija fis 7 ta' Ottubru 2011 kif ukoll rat id-dokumentazzjoni kollha minnu prodotta.

Rat illi fis-7 ta' Ottubru 2011, ir-rikorrenti iddikjara illi in vista tal-eccezzjoni tal-intimat, kien ser jaghmel rikors ghal kjamat in kawza tas-socjeta JS Dimech Limited, liema rikors izda, sad-data tas-sentenza, baqa' qatt ma sar.

Semghet il-kontro ezami ta' Kevin Camilleri moghtija fit 18 ta' Novembru 2011 kif ukoll rat id-dokumentazzjoni ippresentata tul il-kontro ezami da parte tal-intimat lir-rikorrent.

Rat l-affidavit ta' **Charlton Borg**, manager tas-socjeta JSDimech Limited li jiehu hsieb ir-'repairs and manitenance' tal-vetturi kollha tal-kumpannija, ippresentat fil 21 ta' Mejju 2012 u dokumentazzjoni minnu ppresentata.

Rat l-affidavit ta' **Josef Dimech**, shareholder u sole director tal-kumpannija JSDimech Limited, ippresentat fil 21 ta' Mejju 2012 u dokumentazzjoni minnu ppresnetata.

Semghet ix-xhieda u kontro ezami ta' **Kevin James Fenech**, business advisor tal-kumpannija JSDimech Limited moghtija fid 9 ta' Novembru 2012.

Rat l-affidavit ta' **Jason Stivala**, accountant tas-socjeta JSDimech Limited, ippresentat fis 17 ta' Dicembru 2012.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet ippresentata mir-rikorrent fis 26 ta' April 2013 u dik tal-intimat ippresentat fit 12 ta' Lulju 2013, wara liema data il-kawza giet differita ghasa-sentenza.

Rat illi fit 30 ta’ Settembru 2013, din il-Qorti kif ippresjeduta laqghet l-eccezzjoni ta’ l-intimat sabiex jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju peress illi kienet is-socjeta JS Dimech Com-Ind Limited li qabbdet lir-rikorrent u mhux l-intimat personalment.

Rat illi fl-24 ta’ Settembru 2014 il-Qorti tal-Appell irrevokat id-decizjoni ta’ dina l-Qorti fejn laqghet l-eccezzjoni preliminari u rinvjat l-atti lill-ewwel Qorti sabiex tkompli tigi trattata u definita l-kawza fuq il-meritu taghha.

Rat illi fl-10 ta’ Novembru 2015 l-atti gew rinvjati lilli dina l-Qorti illi, daknihar stess, appuntat il-kawza ghas-smiegh ghat 3 ta’ Dicembru 2015.

Rat illi fit-3 ta’ Dicembru 2015 l-intimat gie akkordnat il-possibilta’ illi jressaq eccezzjoni ulterjuri u, fis 16 ta’ Dicembru 2015 l-intimat ressaq eccezzjonijiet fejn sahaq illi t-talba attrici kienet eccessiva filwaqt li insista li huwa ma kellux ibaghti l-ispejjez peress illi, f’laqgha illi kellhom bejniethom il-partijiet, ir-rikorrenti kien intalab sabiex jivverifika l-kont, ossija Bill 20, illi huwa l-meritu tal-kawza odjerna, u minflok ir-rikorrenti nieda l-proceduri odjerni.

Rat illi fil 21 ta’ Jannar 2016, wara illi l-partijiet strahu fuq il-provi gia ppresentati u l-abbli difensuri trattaw il-kaz, il-partijet qablu illi dina l-Qorti tghaddi ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat**

Illi mill-provi prodotti originalment u ri-konfermati wara illi l-atti gew rinvjati quddiem dina l-Qorti, l-kawza li ghandha quddiemha l-Qorti tikkoncerna talba da parte tar-rikorrent, li huwa mechanic, sabiex jithallas tas-servizzi minnu resi fuq diversi vetturi li ghalihom kien jintalab jaghmel xoghlijiet kemm mir-rikorrent kif ukoll minn certa Charlton Borg, illi kien jahdem mar-rikorrent..

L-intimat iddifenda ruhu ghat-talbiet maghmulha kontrieh billi sahaq illi l-ordnijiet kollha kienu jsiru f'isem JSDimech Limited, illi qabel kienet J'S Dimech Com-Ind Limited, u ghalhekk il-kawza kif imposta kienet zbaljata u kellu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju.

Sussegwentement, wara illi tali difiza giet respinta mill-Qorti tal-Appell wara illi dina l-Qorti kif komposta kienet laqghetha, l-intimat iddifenda ruhu billi sahaq illi l-kont tar-rikorrent kien wiehed eccessiv u ghalhekk ma kienx dovut filwaqt illi insista illi ma kellu ibaghti ghall-ispejjez stante illi huwa kien staqsa ghal spjegazzjoni ghal tali kont u, minnflok, ir-rikorrent kien nieda l-proceduri odjerni.

**Ikkunsidrat**

Illi jirrizulta mill-provi prodotti li r-rikorrenti kien jaghmel diversi xoghlijiet ta' riparazzjoni kull fejn kien jintalab sabiex imur da parte tar-rikorrenti jew Charlton Borg. Sussegwentement, kull tant zmien, kien jirredigi invoice u kien jibghatha lill-intimat u eventwalment kien jithallas tas-servizzi lilu rezi.

Jirrizulta ukoll illi r-rikorrent kien jinghajjat jaghti servizz ‘l barra mill-post tax-xoghol tieghu u anke f’hinijet u granet mhux necessarjament normali, w ir-rikorrent kien dejjem jippresta s-servizz lill-intimat sabiex jigi assikurat illi x-xoghol tieghu jibqa ghaddej.

Jirrizulta illi r-rikorrent ghamel ix-xoghlijiet kollha illi kienu dejjem rikjesti mill-intimat jew Charlton, illi kien il-lavrant ta’ l-intimat u dejjem offra is-servizz illi kien rikjest jaghmel.

Jidher, izda, li f'mument minnhom, huwa baghat l-ahhar invoice tieghu, '*J&S Dimech Bill 20*', izda l-intimat irrifjuta illi jhallsu peress illi beda jikkontendi illi dana kien oghli zzejjed. Sussegwentement, minkejja li ltaqghu bien jitkellmu dwar il-kont, il-partijiet baqghu ma ftehmux u giet intavolata il-kawza odjerna.

Jirrizulta illi, fil-kont Bill 20, illi tieghu kien qieghed joggezzjona l-hlas l-intimat, jidher illi l-hlas mitlub huwa kollu relatat ma xoghol illi attwalment sar lill-intimat u l-intimat ibbenefika minnhom stante illi l-problemi f’kull wahda mill-vetturi indikat fl-istess kont gew rizolti w l-intimat ibbenefika mis-servizzi tar-rikorrent.

Huwa ghalhekk mhux f’loku illi, wara illi li r-rikorrent inghata s-servizz kollu mehtieg minghand ir-rikorrent, fejn ir-rikorrent kellu regolarment jigri minn post ghal iehor sabiex jirranga l-vetturi illi kien regolarment jieqfulu lill-intimat, l-intimat ghazel illi jcahhad lir-rikorrent minn dak lilu debitament dovut ghax ikkonsidrahom bhala ecessivi.

Il-Qorti tosserva illi kieku l-intimat kien qieghed jitlob lir-rikorrent jaghmel servizz barra mill-post tax-xoghol tieghu, u huwa fatt ben maghruf illi tali servizz jinghata dejjem bi ‘premium’ oghla minn dak l-istess servizz li jinghata gewwa garage. Il-fatt illi s-servizz primarjament kien qieghed jinghata ‘l barra mill-post tax-xoghol regolari tar-rikorrent huwa bizzejjed sabiex wiehed jistenna li jhallas aktar mill-prezz normali. Ghalhekk, l-intimat messu kien a korrent ta’ tali fatti u meta ghazel illi juza s-servizzi ta’ ‘mobile mecchanic’ sabiex ikollhom il-kumdita’ illi jinghataw servizz minnufih u fuq il-post ghax ix-xoghol taghhom kien zdied, huwa messu nduna wkoll illi l-ispejjez kienu ser ikunu differenti minn dawk li wiehed jinkorri, anke minghand l-agent stess, gewwa garage fiss, fejn il-mechanic ikun go post fiss u jkun l-intimat illi jmur bil-vetturi tieghu hemm.

Ghalhekk, il-Qorti ma tara assolutament xejn hazin fil-kont tar-rikorrenti u, la darba l-intimat inghata s-servizz kollu relatat ma’ tali kont, ma tara ebda raguni ghaliex ma ghandhux ihallas ghas-servizzi lilu resi.

**Konkluzjoni**

Il-Qorti

Wara illi rat il-provi kollha prodotti mill-partijiet

Tghaddi biex taqta u tiddeciedi billi filwaqt li

**Tichad** l-eccezzjonijiet tal-intimat u

**Tilqa** it-talbiet attrici kif dedotti, u ghalhekk

**Tikkundanna** lill-intimat ihallas lir-rikorrenti is-somma ta' sebat elef, tmien mija u hamsa u tmenin Euro (€7,885) ghal servizzi varji resi mir-rikorrent ghall-beneficcju ta' l-intimat u mhux imhallsa.

Bl-ispejjez u bl-imghax mid-data tal-presentata ta' l-avviz sad-data tal-hlas effettiv, kontra l-intimat.

**Magistrat Francesco Depasquale**

**Marisa Bugeja**

Deputat Registratur